MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tad-29 ta' April, 2004

Citazzjoni Numru. 874/2000/1

**Doris Pace**

**vs**

**Martin Pace**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 8 ta’ Mejju 2000 (a fol. 1 tal-process) fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti sseparaw permezz ta’ kuntratt ippublikat fl-atti tan-Nutar Nicholas Vella fl-24 ta’ Gunju 1999.

Illi skond klawsola 10 (b) ta' l-istess kuntratt, il-kontendenti ddikjaraw illi lkoll jinsabu fil-pussess ta' l-oggetti personali u parafernali taghhom.

Illi minkejja dak mifthiem fil-kuntratt imsemmi, l-ftehim kien li dakinhar stess, l-attrici kellha tmur tigbor l-effetti parafernali taggha, kif ser jigi ampjament ippruvat waqt is-smigh tal-kawza.

Illi sa llum l-attrici m'ghandhiex pussess ta' l-effetti personali u parafernali taghha.

Illi ghalhekk l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

(1) Tiddikjara li l-oggetti huma effetti personali u parafernali ghall-attrici.

(2) Tiffissa zmien qasir u perentorju u post li fih il-konvenut jirrientegra lill-attrici fil-pussess ta' l-oggetti personali u parafernali taghha, kif iddikjarati jew tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici il-valur ta' l-istess oggetti personali u parafernali.

Bl-ispejjez u l-konvenut mill-llum ingunt minn issa in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda a fol. 3 tal-process;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit:

1. Illi t-talba attrici ma tistax tigi guridikament sostenuta *stante* dak espressament pattwit fil-kuntratt tas-separazzjoni. Dan anke in bazi ghar-regola tradizzjonali illi kontra l-miktub m'humiex ammissibbli provi mhux miktuba.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut, a fol. 9 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda ta’ l-imsemmi konvenut a fol. 10;

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma minn din il-Qorti kif diversament presjeduta datati 8 ta’ Novembru 2000 u tad-19 ta’ Frar 2001 fejn xehdu l-attrici u Josephine Micallef;

Rat ix-xhieda ta’ l-**attrici** (a fol. 17) u ta’ **Josephine Micallef** (a fol. 23);

Rat il-verbal tas-seduta quddiem din il-Qorti diversament presejduta tat-3 ta’ Mejju 2001 fejn xehdet l-attrici;

Rat ix-xhieda ta’ l-**attrici** a fol. 34 tal-process;

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta’ Novembru 2001 fejn xehdu Charles Pace u l-konvenut;

Rat ix-xhieda ta’ **Charles Pace** (a fol. 49) u tal-**konvenut** (a fol. 51);

Rat l-avviz tal-11 ta’ Marzu 2002 fejn il-kawza giet differita quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond. C. Pace;

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta’ Gunju 2002 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-13 ta’ Novembru 2002;

Rat ir-rikors ta’ l-attrici datat 10 ta’ Gunju 2002 fejn talbet lill-Qorti sabiex tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza;

Rat id-digriet tal-11 ta’ Gunju 2002 fejn il-Qorti laqghet it-talba u rrikjamat il-kawza ghall-provi kollha li fadal ghall-24 ta’ Gunju 2002;

Rat il-verbal tas-seduta ta’ l-24 ta’ Gunju 2002 fejn giet nominata Dr. Josette Demicoli bhala Assistent Gudizzjarju;

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta’ Novembru 2002 fejn l-Assistent Gudizzjarju giet ordnata sabiex taderixxi ruhha

mal-verbal tas-seduta tal-24 ta' Gunju 2002 u giet ordnata zzomm zewg seduti, fil-21 ta' Novembru 2002 u 3 ta' Dicembru 2002 fin-nofsinhar u fil-hdax rispettivament;

Rat is-seduti mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju datati 21 ta' Novembru 2002, 5 ta' Dicembru 2002 fejn xehed il-konvenut in kontro-ezami; 10 ta' Dicembru 2002, 31 ta' Jannar 2003 u 29 ta' Mejju 2003.

Rat l-affidavit ta' Dr. Gavin Gulia a fol. 74;

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-4 ta' Marzu 2003; tat-13 ta' Mejju 2003; tal-11 ta' Gunju 2003; tat-18 ta' Novembru 2003; u tat-22 ta' Jannar 2004 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-29 ta' April 2004;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## **II. KONSIDERAZZJONIJIET.**

Illi l-attrici qed taghmel din il-kawza *stante* li qed issostni li wara l-kuntratt ta' separazzjoni bejn il-partijiet datat 24 ta' Gunju 1999 fl-atti tan-Nutar Nicholas Vella hija kellha tiehu oggetti parafernali taghha minghand il-konvenut, (u dan minkejja dak li kien hemm indikat fil-kuntratt ta' separazzjoni fejn skond klawsola 10 (b), il-kontendenti kienu ddikjaraw illi lkoll jinsabu fil-pussess ta' l-oggetti personali u parafernali taghhom) izda sa llum baqghet ma hadet xejn mill-istess u ghalhekk talbet li l-konvenut jigi kkundannat sabiex jirreintegra lill-attrici fl-oggetti personali taghha.

Illi minn naha l-ohra l-konvenut qed jibbazza ruhhu fuq l-kontenut ta' l-istess kuntratt premess fejn il-partijiet iddikjaraw li huma hadu fil-pussess taghhom l-oggetti personali u parafernali appartenenti lilhom. Fil-fatt fl-eccezzjonijiet tieghu, l-konvenut qed isostni li tali talbiet attrici lanqas huma guridikament proponibbli.

Illi in effetti fil-kuntratt ta’ separazzjoni datat 24 ta’ Gunju 1999 jinghad *inter alia* illi:-

*“10. Il-partijiet jiddkjaraw:-*

*“a) illi qasmu in pjena sodisfazzjoni taghhom l-effetti kollha mobbli formanti parti mill-Komunjoni ta’ l-Akkwisti taghhom;*

*“b) illi jinsabu fil-pussess ta’ l-oggetti parafernali taghhom;*

*“c) illi, salv dak stipuat f’dan l-att, m’ghandhom l-ebda pretensjoni ohra fil-konfront ta’ xulxin”.*

Illi apparti dan fi klawsola 8 ta’ l-istess kuntratt debitament awtorizzat mis-Sekond’Awla tal-Qorti Civili, nghad ukoll illi:-

*“Il-mobbli kollha formanti parti mill-komunjoni ta’ l-akkwisti qeghdin jigu assenjati lir-ragel in pjena proprjeta’, li minn naha tieghu huwa obbligat li jhallas lill-mara a saldu ta’ sehma minnhom is-somma ta’ tmien mija u hamsin lira Maltija (Lm850), li r-ragel qed jobbiga ruhhu li jhallas lill-mara accettanti permezz ta’ pagamenti ta’ ghaxar liri Maltin (Lm10) fil-gimgha”.*

Illi fil-fatt ma huwiex kontestat li dan l-ammont thallas u fil-fatt jirrizulta minn Dok. “PS 1” a fol, 59 tal-process li l-ahhar pagament sar fil-10 ta’ Frar 2001, kif tindika l-ircevuta u d-dikjarazzjoni ffirmata mill-istess attrici.

Illi jekk wiehed ihares lejn il-provi l-ohra prodotti jirrizulta li fix-xhieda taghha datata 19 ta’ Frar 2001 l-attrici sostniet li minkejja d-dikjarazzjonijet li hemm fl-istess kuntratt, fis-sens li hija hadet l-oggetti personali u parafernali taghha, hija fil-fatt l-istess oggetti kellha tehodhom wara l-kuntratt, izda baqghet ma hadithomx u ghalhekk ghamlet din il-kawza. Fil-fatt hija esebiet lista ta’ l-oggetti li allegat li hija kienet ghad baqghalha tiehu u din bhala Dok. “GA 1” a fol. 29 tal-process.

Illi pero’ fl-istess xhieda taghha sostniet li nofs l-affarjiet li hija indikat fl-istess lista gabithom maghha meta kienet xebba u n-nofs l-iehor xtrathom fiz-zwieg minn flusha. Hawn il-Qorti tinnota li prova li xi oggetti ndikati fil-lista taghha huma verament parafernali ma kienx hemm hlief id-dikjarazzjoni taghha, u wkoll li nofs l-oggetti *ex admissis* certament li huma parti mill-komunjoni ta’ l-akkwisti ghaliex gew akkwistati fiz-zwieg. La darba huwa hekk ma hemm l-ebda dubju li skond il-kuntratt ma ghandhiex dritt ghalihom peress li skond id-dispozizzjonijiet tal-kuntratt

pre-citat, il-mobbli kollha gew assenjati lill-konvenut mill-istess attrici u dan *verso* l-kumpens hemm stipulat, li kif gja rrizulta thallsu mill-istess konvenut.
Illi jigi rrilevat ukoll li fl-ebda stadju tal-kawza l-istess attrici ma ndikat mill-istess lista liema huma dawn l-oggetti personali u parafernali taghha, u liema oggetti nxtraw fiz-zwieg, u dan ukoll jimmilita kontra l-accettazzjoni tat-talbiet attrici, peress li l-oneru ta' prova huwa kwazi dejjem fuq minn jallega, u hawn jirrizulta li l-istess attrici lanqas biss issodsfat l-oneru ta' prova li kien jinkombi fuqha.
Illi dan qed jinghad biss bhala evalwazzjoni tax-xhieda ta' l-attrici sottomessa quddiem din il-Qorti minghajr ma wiehed jidhol fuq il-portata tal-kuntratt ta' separazzjoni pattwit, wara d-debita awtorizzazzjoni tal-Qorti. Fil-fatt ezaminat l-istess kuntratt, jirrizulta li ghal dawk li huma l-oggetti parafernali taghha, huma x'inhuma ghall-mument, l-attrici kategorikament iddikjarat li l-istess effetti personali u parafarnali taghha gja jinsabu fil-pussess taghha u dan fi klawsola 10 (b) ta' l-istess. Iktar minn hekk l-istess partijiet iddikjaraw fi klawsola 10 (c) ta' l-istess kuntratt li *"salv dak stipulat f'dan l-att,* (il-partijiet) *m'ghandhom l-ebda pretensjoni ohra fil-konfront ta' xulxin",* u ghalhekk din il-Qorti thoss li d-dikjarazzjoniet stess ta' l-attrici f'dan ir-rigward huma fatali ghall-vantazzjonijiet taghha, anke peress li tali dikjarazzjoni u kwittanza tal-konvenut saret bla ebda rizerva jew kondizzjoni.
Illi ma' dan jizdied ukoll li fil-klawsola 11 ta' l-istess kuntratt jinghad li tali kondizzjonijiet tal-kuntratt ma setghux jigu varjati bl-ebda mod anke f'kaz ta' dikjarazzjoni ta' annullament taz-zwieg u allura ma hemm l-ebda dubju li kemm mid-dikjarazzjonijiet imsemmija u kemm mill-kumpless tal-kuntratt kollu bl-artikoli kollha minnu hawn ukoll citati, li l-intenzjoni tal-partijiet kienet li jirrangaw b'mod definittiv il-pendenzi kollha ta' bejniethom fl-istess kuntratt, u fil-fatt hekk ghamlu u ma riedu li jhallu l-ebda pendenza ohra.

Illi hawn il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza **"Helen mart George Arrigo vs George Arrigo"** (P.A. (RCP) 26 ta' Frar 2004) fejn inghad li:-

*"ma hemm l-ebda dubju li l-kliem ta' l-istess kuntratt huwa car u ma jhalli l-ebda dubju dwar is-sinifikat tieghu, tant li gew maqbula bejn l-istess partijiet kontrajenti u dan wara d-debita awtorizzazzjoni tal-Qorti kompetenti, minghajr liema awtorizzazzjoni l-istess kuntratt ta' separazzjoni ma setax issir".*

Illi dan japplika perfettament ghall-kaz in ezami, fejn id-dicitura tal-kuntratt hija tali li ma thalli l-ebda lok ta' nterpretazzjoni, u fil-fatt jirrizulta mill-istess kuntratt li l-pretensjonijiet kollha tal-partijiet gew effettivament lkoll trattati u saldati, u d-dikjarazzjoni reciproka tal-partijiet fi klawsola 11 (c) ta' l-istess ma thalli l-ebda dubju dwar dan.

Illi din il-Qorti, ghall-kompletezza tirreferi wkoll ghas-sentenza **"Anton Spiteri vs Alfred Borg"** (P.A. RCP. 30 ta' Novembru 2000) fejn inghad li *"ghalhekk hawn japplika l-principju stabilit fl-**artikolu 1002 tal-Kap 12**, fejn meta il-kliem ta' konvenzjoni mehud fis-sens skond l-uzu tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ta' interpretazzjoni, ghaliex tali interpretazzjoni, anke supplita min xhieda, tista' tinghata biss sabiex telucida l-iskrittura jew il-kuntratt f'xi patt incidentali jew accessorju taghha"* **("Carmela Borg vs Bartolomeo Xeureb" -** A. C. 30 ta' Marzu 1997).

Illi dawn il-principji gew konsistentement ribaditi mill-Qrati taghna, nkluza minn din il-Qorti kif presjeduta tant li fis-sentenzi **"Emmanuel Schembri et vs Leonard Ellul et"** (P.A. (RCP) 30 ta' Ottubru 2000) u **"Suzanne Xeureb vs Gilbert Terreni"** (P.A. (RCP) 12 ta' Lulju 2001) gie ri-affermat li *"huwa principju generali fl-interpretazzjoni tal-kuntratti dak stabbilit fl-**artikolu 1002 tal-Kap 16** u cjoe' li meta "il-kliem ta' konvenzjoni, mehud fis-sens li ghandu skond l-uzu taz-zmien tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ta' interpretazzjoni".* Ta' l-istess portata hija s-sentenza **"Alfrida Borg vs Carmen Camilleri *et*"** (P.A. (RCP) 2 ta' Ottubru 2001).

Illi bl-aktar mod esplicitu gie ritenut li "*l-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa` dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-*

*kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. "Pacta sunt servanda*". (A.C. 5 ta' Ottubru, 1998 – **"Gloria mart Jonathan Beacom et vs L-Arkitett u Inginier Civili Anthony Spiteri Staines"**).

Illi l-istess s-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tkompli tghid "*Illi l-gurisprudenza nostrali hi kostanti filli rriteniet li ma hiex ammissibbli li prova testimonjali kontra jew in aggjunta ghall-kontenut ta' att miktub u hi talvolta ammessa biex tikkjarifika l-intenzjoni tal-partijiet meta din hi espressa b'mod ambigwu*" (Vol. XXXIV, P. III., p. 746).

Illi ntqal *inoltre* anke fis-sentenza **"General Cleaners Company Limited vs Attorney General et"** (P.A. (RCP) 29 ta' Novembru 2001 li "*l-Qrati jkunu obbligati jinterpretaw il-konvenzjoni meta f'kuntratt il-partijiet ma jkunux spjegaw ruhhom car jew posterjorment ghall-kuntratt jintervjeni avveniment li jkollu bhala konsegwenza kwistjoni li ma tkunx giet preveduta u li kien hemm bzonn li tigi maqtugha, u din ghandha tigi primarjament interpretata skond l-intenzjoni tal-partijiet li jkunu hadu parti fil-kuntratt u li tkun tidher car mill-kumpless tal-konvenzjonijiet*" (Vol. XXIV, P. I., p.27) (ikkwotata fis-sentenza "**Beacom vs Spiteri Staines"** – ibid; "**Suzanne Xuereb vs Gilbert Terreni" –** P.A. RCP. 12 ta' Lulju 2001; "**Anton Spiteri vs Alfred Borg"** – P.A. RCP. 30 ta' Novembru 2000; "**Emanuel Schembri vs Leonard Ellul" –** P.A. RCP 30 t'Ottubru 2001).

Illi ghall-grazzja tal-argument jinghad li anke jekk jigi injorat dan kollu, jirrizulta wkoll li l-attrici ma ppruvatx lanqas l-allegazzjonjiet taghha kemm ghaliex ma hemm ebda prova li tali oggetti minnha indikati huma parafernali taghha, u dan anke jekk dan jirreferi ghan-nofs il-lista minnha esebita, u kemm ukoll ghaliex ix-xhieda tal-konvenut u ta' missieru jikkontrastaw max-xhieda taghha, u fil-fatt l-istess persuni hawn indikati xehdu li l-attrici hadet fil-fatt l-effetti personali taghha.

Illi ghalhekk abbazi tal-premess it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa’ l-eccezzjoni tal-konvenut, **tichad it-talbiet attrici** *stante* li huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attrici.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------